**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 28 ta’ Jannar 2016**

Rikors Guramentat Nru. 144 / 13RGM

Kawza fil-lista: 7

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici fil-15 ta’ Lulju 2013 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu fid-19 ta' Dicembru, 2003 u dan skont ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg bin-numru 2280/2003;

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu ebda ulied;

3. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment u dan tort unikament ta' l-istesss konvenuta;

4. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m' ghadhiex aktar possibli minhabba li l-intimata irredendiet ruhha hatja lejn ir-ragel ir-rikorrenti ta' adulterju, sevizzi, ecessi u ingurji gravi;

5. Illi kull tentattiv ta' rikonciljazzjoni u medjazzjoni falla u l-esponent gie debitament awtorizzat jipprocedi b'kawza ghas-separazzjoni personali permezz ta' Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 13 ta' Mejju, 2013, bin-numru 1000/13;

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jghogobha:

1. Tiddikjara u tordna s-separazzjoni peronali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet esklussivament attribwibbli lill-konvenuta u senjatament adulterju, sevizzi, ecessi u ingurji gravi, u in subordine ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabilment;

2. Tawtorizza lill-attur jghix separat mill-konvenuta martu;

3. Tapplika kontra l-konvenuta l-effetti u l-penalitajiet stabbiliti fl-Artikolu 48 sa 53 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tillikwida u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

5. Tillikwida, tiddividi u tassenja l-assi ta' l-istess komunjoni ta' l-akkwisti lill-kontendenti f'dawk il-proprorzjoniet u b'dawk il-modalitajiet li jigu stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti, u billi wkoll tigi stabbilita data li minn dakinhar l-intimata titqies li ddekadiet min kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tal-esponenti, u dan kollu okkerendo bil-hatra ta' periti nominandi, u billi jigi nominat Nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-intimat fl-eventwalita kontumacja fuq 1-istess att;

6. Tiddikjara lill-intimata unikament responsabbli ghad-djun kollha illi hija ghamlet waqt illi l-kontendenti kienu diga separati de facto;

7. Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

8. Tordna lill-intimata tirrestitwixxi lill-esponent il-beni u krediti parafernali tieghu;

9. Tawtorziza lill-attur jirregistra ossia jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta minn issa ingunta in subizzjoni;

Rat li l-konvenuta ghalkemm notifikata bil-mezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni baqghet ma pprezentatx risposta guramentata u ghalhekk hi f'din il-kawza kontumaci.

Rat il-provi mressqa mill-attur.

Rat l-atti.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ipprezentata mill-attur fis-7 ta' Jannar 2016.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Permezz ta' affidavit (fol. Fol 22) l-attur xehed b'dettal kif iz-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser minhabba l-aduletrju tal-konvenuta. Huwa xehed kif il-konvenuta kienet telqet mid-dar u marret tghix ma' haddiehor. Kienet giet lura d-dar u ghalkemm l-attur accettaha lura, il-konvenuta regghat iddecidiet li terga' titlaq mid-dar matrimonjali din id-darba minghajr ma rritornat. Jghid hekk l-attur:

"Madwar xi gimghatejn wara li C telqghet mid-dar it-tieni darba, kienet regghet tfaccat mal-Pulizija biex tigbor xi hwejjeg taghha. F'din l-okkazzjoni kieent qaltli li sejra tghix ma' certu E F. C telqet bil-hwejjeg kollha li riedet tigbor mid-dar."

Ix-xhieda tal-attur hija korroborata mix-xhieda ta' Janet B (fol. 27):-

"Naf li f'dan il-perijodu hi kienet telqet mid-dar taghhom u ma kinitx qed tghix mieghu. Hi kienet tibki u tghid li kien hemm certu E li kien jahdem maghha li kien jittantaha u hi kienet waqghet ghalih ghax kien ghadu zghir. Kienet urietni l-profil tieghu fuq facebook biex naraw min kien".

B'nota tal-5 ta' Novembru 2015 (fol. 52) l-attur iddikjara illi l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet tikkonsisti f'zewg vetturi wahda Peugeot nru BBU-617 u ohra Toyota Yaris kif ukoll dejn mal-Bank of Valleta plc fl-ammont ta' erbatax-il elf, seba' mija u disgha u erbghin ewro (€14,749) u dejn favur Transport Malta rapprezentanti arretrati ta' licenzja fuq vettura nru BBU-617 u multi amministrattivi fl-ammont komplessiv ta' elf, hames mija u tlieta u tletin ewro (€1,533).

Fl-udjenza tal-1 ta' Dicembru 2015 xehdet Karen Cremona, Executive Office ma' Transport Malta. Hija spjegat illi C B ghandha erba' karrozzi registrati fuq isimha, tnejn minnhom \`scrapped\`. Mazda 323 reg. no. JAJ-084 giet \`scrapped\` fil-15 ta' Mejju 2004. Vettura Citroen AX nru DAU-813 li giet \`scrapped' fis-7

ta' Awissu 2006, u t-tnejn rimanenti huma Vettura Toyota Yaris nru BBU-617 u vettura Peugeot 206 nru GBG-129. L-attur m'ghandux vetturi registrati fuqu.

Fl-istess udjenza xehdet Joanna Bartolo, senior manager litigation fl-ufficju legali tal-Bank of Valletta plc. Hija xehdet illi mal-bank hemm 'car loan account' f'isem iz-zewg partijiet li jmur lura ghas-6 ta' April 2010. Skont is-sanction letter (fol. 71) is-self sar miz-zewg partijiet sabiex inxtrat vettura minghand Noel Auto Dealer. Fit-30 ta' Settembru 2015 l-ammont dovut lill-bank fuq l-imsemmija 'car loan account' kien ta' €16,078.29 (fol. 82).

Ikkunsidrat;

Huwa evidenti mill-provi mressqa illi z-zwieg tal-partijiet tkisser unikament tort tal-konvenuta. Irrizulta sodisfacentement illi l-attur ghamel kull ma seta` sabiex isalva z-zwieg tal-partijiet. Sahansitra kien laqaghha lura fid-dar matrimonjali nonostante li kienet ikkommettiet adulterju. Ciononostante l-konvenuta regghat ghaddiet f'relazzjoni adultera ohra u telqet definittivament mid-dar matrimonjali.

Mix-xhieda tal-attur jirrizulta illi l-konvenuta telqet mid-dar ghat-tieni darba sabiex tmur tghix ma' certu E F gewwa l-Mosta madwar sentejn u nofs qabel ma l-attur ta x-xhieda tieghu (fol. 36). Isegwi ghalhekk illi l-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali u bdiet tirrisjedi ma' terza persuna circa f'nofs Marzu 2011.

L-unika assi tal-komunjoni li rrizultaw huma z-zewg vetturi imsemmija li t-tnejn inxtraw qabel it-12 ta' Marzu 2011. L-attur qed jitlob li l-konvenuta tigi dikjarata bhala li hija unikament responsabbli ghad-dejn tal-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmi. Peress li dan id-dejn sar miz-zewg partijiet qabel ma l-konvenuta ikkomettiet l-adulterju li wassal ghat-tkissir taz-zwieg, it-talba tal-attur sabiex takkolla fuq il-konvenuta d-dejn li ghamlu l-partijiet sabiex inxtrat il-vettura li llum qeghda f'idejn l-attur ma hiex fondata legalment.

Ghaldaqstant filwaqt li l-Qorti qed tiddikjara illi dawn dawn iz-zewg vetturi huma l-assi tal-komunjoni ser tiddividi l-istess billi qed tordna l-bejgh bis-subbasta taz-zewg vetturi u cioe' Vettura Toyota Yaris nru BBU-617 u vettura Peugeot 206 nru GBG-129. Mir-rikavat ghandu l-ewwel jithallas id-dejn tal-komunjoni u cioe' id-dejn favur il-Bank of Valletta plc. u favur Transport Malta. Kwalunkwe ammont rimanenti mir-rikavat ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenuta;

1. Tilqa' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' talba attrici.

2. Tilqa' parzjalment il-hames talba, tiddikjara illi l-unici assi tal-komunjoni tal-akkwisti li rrizultaw huma Vettura Toyota Yaris nru BBU-617 u vettura Peugeot 206 nru GBG filwaqt li tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti hija mghobbija b'dejn favur il-Bank of Valletta plc u favur Transport Malta. Tordna d-divizzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi tordna l-bejgh taz-zewg vetturi imsemmija b'dan illi mir-rikavat ghandhom jithallsu l-kredituri tal-komunjoni u cioe' l-Bank of Valletta plc u Transport Malta. Kwaunkwe bilanc rimanenti ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

3. Tiddikjara d-data tat-12 ta' Marzu 2011 bhala d-data li minn dakinhar l-intimata ghandha titqies li ddekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tal-attur.

4. Tiddikjara lill-intimata unikament responsabbli ghad-djun li ghamlet minn wara t-12 ta' Marzu 2011.

5. Tichad is-seba' u t-tmien talba attrici in kwantu ma jirrizultawx fondati.

6. Tilqa' d-disa' talba.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Imhallef** **Deputat Registratur**